

Brussell, 26 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6801/26

EF 51  
ECOFIN 266  
DELECT 39

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1021 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'23.2.2026 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' data meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-prospetti u tal-lista ta' informazzjoni li tista' tiġi inkorporata b'referenza fil-prospetti

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1021 final.



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.2.2026  
C(2026) 1021 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'23.2.2026**

**li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' data meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-prospetti u tal-lista ta' informazzjoni li tista' tiġi inkorporata b'referenza fil-prospetti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> (ir-“Regolament dwar il-Prospett”) ħoloq sett ġdid u armonizzat ta’ regoli li jgħin lill-kumpaniji jiġbru l-flus fis-swieq kapitali biex jinvestu u jikbru. Fl-istess waqt, ir-Regolament dwar il-Prospett jgħin lill-investituri jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati. Ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-tnejn, l-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni ta’ prospett meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għan-negozjar f’suq regolat. Prospett huwa dokument li jipprovdi informazzjoni dwar kumpanija u t-titoli li toffri lill-pubbliku jew li tfittex li tammetti għan-negozjar f’suq regolat. Dan iservi bħala l-bażi biex l-investituri jiddeċiedu jekk jinvestux jew le.

Ir-Regolament dwar il-Prospett jippermetti lill-emittenti “jinkorporaw b’referenza”<sup>2</sup> dokumenti li jkun fihom l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata fi prospett, dment li dawn id-dokumenti jkunu diġà ġew ippubblikati b’mod elettroniku. L-inkorporazzjoni b’referenza tiffaċilita l-proċedura tat-tfassil ta’ prospett u tnaqqas il-kostijiet għall-emittenti filwaqt li tibqa’ tiġi mogħtija l-protezzjoni lill-investituri.

Skont ir-Regolament dwar il-Prospett, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma meħtieġa, meta jinnotifikaw lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) bl-approvazzjoni tal-prospetti jew tas-supplimenti relatati, jipprovdu lill-ESMA b’kopja elettronika ta’ dawk il-prospetti jew is-supplimenti u d-data meħtieġa għall-klassifikazzjoni tagħhom (metadata) fil-mekkaniżmu ta’ ħżin tal-ESMA (ir-“Reġistru tal-Prospetti”). Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979<sup>3</sup>, li jissupplimenta r-Regolament dwar il-Prospett, jispeċifika d-data għall-klassifikazzjoni tal-prospetti (“metadata”) li tippermetti lill-ESMA: (i) tipprovdi tali mekkaniżmu ta’ ħżin ċentralizzat għall-prospetti, li jippermetti aċċess mingħajr ħlas u faċilitajiet ta’ tiftix għall-pubbliku; u (ii) tfassal ir-rapport annwali li jkun fih l-istatistika dwar il-prospetti u analiżi tax-xejriet għall-faċilitazzjoni tal-evalwazzjonijiet futuri tar-regoli tal-prospett.

Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> għamel bosta emendi fir-Regolament dwar il-Prospett. Ir-Regolament 2024/2809 huwa parti mill-Att dwar il-Kwotazzjoni, inizjattiva reċenti li għandha l-għan li toħloq ekosistema tal-kwotazzjoni li tagħmilha attraenti, affordabbli u li toħloq inċentiv għall-kumpaniji biex jikkwotaw it-titoli tagħhom fis-swieq pubbliċi tal-UE. L-emendi jnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet għall-emittenti

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f’suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1129/oj>).

<sup>2</sup> Ara l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2017/1129.

<sup>3</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 tal-14 ta’ Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta’ prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta’ notifika, u li jħassar ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 1. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/979/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji (ĠU L, 2024/2809, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2809/oj>).

filwaqt li jagħmlu l-prospetti aktar utli għall-investituri. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2024/2809: (i) standardizza l-format u s-sekwenza u ssimplifika r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-prospetti; (ii) illimita d-daqs tal-prospetti tal-ishma billi impona limitu massimu ta' paġni; (iii) introduċa eżenzjonijiet għall-ħruġ ta' titoli ta' segwitu minn kumpaniji diġà kkwotati fil-Borża; (iv) armonizza r-regoli għall-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospetti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; u (v) ippermetta l-inkorporazzjoni b'referenza ta' informazzjoni finanzjarja futura fi prospetti bażi<sup>5</sup>. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2024/2809 introduċa t-tipi ġodda li ġejjin ta' prospetti mqassra:

- Prospett ta' Segwitu tal-UE: dan it-tip ta' prospett huwa mfassal għal offerti pubbliċi jew għal ammissjoni għall-kummerċ minn kumpaniji li t-titoli tagħhom diġà ġew ammessi għall-kummerċ għal mill-inqas l-aħħar 18-il xahar f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir tal-SMEs. Barra minn hekk, il-kumpaniji li bħalissa jinsabu kkwotati f'suq tat-tkabbir tal-SMEs jistgħu jużaw il-Prospett ta' Segwitu tal-UE għat-tranżizzjoni lejn suq regolat.
- Prospett tal-ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir: dan it-tip ta' prospett huwa mfassal speċifikament biex jimminimizza l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi għall-SMEs, għall-kumpaniji kkwotati jew li għandhom jiġu kkwotati fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs u għal ċerti offerti pubbliċi iżgħar ta' titoli magħmula minn kumpaniji mhux ikkwotati.

Il-Prospett ta' Segwitu tal-UE u l-Prospett tal-ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir huma mistennija li jissostitwixxu l-prospett simplifikat eżistenti għall-ħruġ sekondarju u l-Prospett tat-Tkabbir tal-UE.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2024/2809 stabbilixxa kontroreferenzi għar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> (ir-“Regolament EuGB”). Dawn il-kontroreferenzi jirrikjedu li: (i) l-emittenti ta' Bonds Ekoloġiċi Ewropej (“EuGBs”, European Green Bonds) jinkorporaw b'referenza l-iskeda informattiva tal-EuGB fil-prospett; u (ii) l-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew bonds marbuta mas-sostenibbiltà jinkludu fil-prospett relatat id-divulgazzjonijiet fakultattivi rilevanti (dment li jkun għażlu dawk id-divulgazzjonijiet fakultattivi).

Dan ir-Regolament Delegat huwa bbażat fuq żewġ settijiet ta' standards tekniċi regolatorji (RTSs, regulatory technical standards) żviluppati mill-ESMA. Dawn l-istandards għandhom l-għan li: (i) jagħgornaw il-lista ta' metadata fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 biex tkun allinjata mal-bidliet introdotti bl-Att dwar il-Kwotazzjoni (eż. tipi ġodda ta' prospetti); u (ii) jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tal-inkorporazzjoni b'referenza ta' informazzjoni addizzjonali fil-prospetti lil hinn minn dak li huwa deskritt fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament dwar il-Prospett (eż. l-inkorporazzjoni ta' dokumenti ta' divulgazzjoni ta' qabel il-ħruġ għal bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew bonds marbuta mas-sostenibbiltà). Dawn iż-żewġ settijiet ta' RTSs, essenzjali għall-allinjament mal-oġettivi tal-Att dwar il-Kwotazzjoni, ġew ikkonsolidati f'Regolament Delegat tal-Kummissjoni uniku li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/979. Tali konsolidazzjoni hija xierqa peress li l-kontenut taż-żewġ RTSs huwa relatat mal-bidliet meħtieġa fil-leġiżlazzjoni attwali tat-tieni livell minħabba kamp ta' applikazzjoni emendat tar-Regolament dwar il-Prospett, kemm

<sup>5</sup> Ara l-Artikoli 8 u 19(1b) tar-Regolament (UE) 2017/1129.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>).

f'termini tat-tipi ta' prospetti jew inkella tan-natura tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fihom.

### **1.1. Aġġornament tal-lista ta' metadata għall-klassifikazzjoni ta' prospetti**

Dan ir-Regolament Delegat jirrevedi r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 biex jistabbilixxi l-metadata meħtieġa għall-klassifikazzjoni kemm tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE kif ukoll tal-Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir. Fl-istess ħin, ineħħi mir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 l-ispeċifikazzjoni tal-metadata relatata mal-prospett simplifikat għal ħarġiet sekondarji u l-prospett tat-Tkabbir tal-UE (dawn il-prospetti mhux se jibqgħu japplikaw mill-5 ta' Marzu 2026). Barra minn hekk, dan ir-Regolament Delegat ifittex li:

- jistabbilixxi l-metadata rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-prospetti relatati mal-EuGBs;
- jistabbilixxi l-metadata rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-prospetti relatati mal-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew bonds marbuta mas-sostenibbiltà, li l-emittenti tagħhom jagħmlu divulgazzjonijiet volontarji skont ir-Regolament EuGB;
- jistabbilixxi l-metadata rilevanti għall-klassifikazzjoni tad-dokumenti relatati mal-eżenzjonijiet il-ġodda (introdotti bir-Regolament (UE) 2024/2809) għall-offerti pubbliċi jew l-ammissjoni għall-kummerċ ta' titoli funġibbli. Dan huwa maħsub biex jiffaċilita l-analiżi u r-rappurtar statistiku meħtieġa fil-qafas tal-Artikolu 47(3) tar-Regolament dwar il-Prospett dwar l-użu tal-eżenzjonijiet fl-UE;
- jipprovdi l-metadata meħtieġa biex jippermetti l-użu tad-data inkluża fir-Reġistru tal-Prospett biex jiġi ssimplifikat il-proċess li bih l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jissottomettu informazzjoni lill-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP, European Single Access Point), f'konformità mal-Artikolu 21a tar-Regolament dwar il-Prospett;
- jirrevedi u jaġġorna ċerta metadata li saret skaduta, kif ukoll jagħmel aktar emendi għad-data li tinqara minn magna li tista' tiġi sottomessa meħtieġa biex jiġu solvuti xi kwistjonijiet minuri identifikati mill-ESMA.

### **1.2. Aġġornament tal-lista ta' informazzjoni li tista' tiġi inkorporata b'referenza fil-prospetti**

Sabiex ittaffi l-piżijiet fuq l-emittenti fit-thejjja tal-prospetti, u b'mod allinjat mal-oġettivi tal-Att dwar il-Kwotazzjoni, l-ESMA żviluppat abbozzi ta' RTSS, skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament dwar il-Prospett. Dawn jaġġornaw il-lista ta' dokumenti, deskritta fl-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament, b'informazzjoni addizzjonali li tista' tiġi inkorporata b'referenza fil-prospetti. Abbażi ta' daww l-abbozzi tal-RTSS, dan ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 billi jintroduċi kapitolu ġdid li jagħti dettalji dwar l-informazzjoni addizzjonali li ġejja, li hi eliġibbli għall-inkorporazzjoni b'referenza fil-prospetti:

- dokumenti li jkunu ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew ippreżentati lilha, f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> (id-

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/71/oj>).

“Direttiva dwar il-Prospett”). L-objettiv huwa li jiġi ffaċilitat il-ħruġ funġibbli ta’ titoli li mhumiex ekwità oriġinarjament offruti lill-pubbliku jew ammessi għall-kummerċ f’ suq regolat fil-qafas tad-Direttiva dwar il-Prospett<sup>8</sup>;

- mudelli ta’ divulgazzjoni sostenibbli fakultattivi għal bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għal bonds marbuta mas-sostenibbiltà f’konformità mar-Regolament EuGB. L-objettiv huwa li jsir aktar faċli li jintużaw dawk il-mudelli ta’ divulgazzjoni fakultattivi, b’konsegwenza li l-emittenti jingħataw flessibbiltà u li jiġi ssimplifikat il-proċess tal-ħruġ.

## **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

### **2.1. Konsultazzjoni dwar l-aġġornament tal-lista ta’ metadata għall-klassifikazzjoni ta’ prospetti**

L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika<sup>9</sup> dwar l-RTSs relatata mal-aġġornament tal-lista ta’ metadata għall-klassifikazzjoni tal-prospetti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979. Din kienet parti minn konsultazzjoni usa’ rigward il-parir tekniku mitlub mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-format u s-sekwenza standardizzati, il-kontenut tal-prospett u d-dokument tar-reġistrazzjoni universali, u l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett. Il-konsultazzjoni saret bejn it-28 ta’ Ottubru u l-31 ta’ Diċembru 2024. Ir-rispondenti kollha qablu mal-proposti tal-ESMA, ħlief għal ftit każijiet fejn ma ġietx espressa opinjoni.

Kollox ma’ kollox, ftit partijiet ikkonċernati wieġbu l-mistoqsijiet relatati mal-aġġornament tal-lista ta’ metadata stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979:

- il-ħames partijiet ikkonċernati kollha li wieġbu qablu mal-proposta tal-ESMA li tiġi emendata l-lista eżistenti ta’ metadata biex jiġu akkomodati t-tipi l-ġodda ta’ prospetti introdotti bir-Regolament (UE) 2024/2809. Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq (SMSG, Securities and Markets Stakeholders Group) appoġġa wkoll iż-żieda fl-użu tal-metadata;
- it-tliet partijiet ikkonċernati kollha li wieġbu qablu mal-proposta tal-ESMA li l-metadata trid tidentifika liema titoli jikkwalifikaw bħala EuGBs;
- l-erba’ partijiet ikkonċernati kollha li wieġbu qablu mal-proposta tal-ESMA għas-simplifikazzjoni tal-proċess għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jissottomettu informazzjoni lill-ESAP permezz tar-Reġistru tal-Prospett;
- fir-rigward ta’ bidliet oħra fil-lista ta’ metadata proposti mill-ESMA, u jekk dawn il-bidliet jimponux piż addizzjonali mhux raġonevoli fuq l-emittenti, żewġ partijiet ikkonċernati qablu mal-proposta tal-ESMA filwaqt li parti kkonċernata waħda ma esprimietx opinjoni.

---

<sup>8</sup> Filwaqt li din il-possibbiltà diġà kienet teżisti skont ir-Regolament dwar il-Prospett, il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) 2024/2809, li jneħħu r-referenza għad-Direttiva dwar il-Prospett biex jiġi ssimplifikat it-test leġislattiv fl-Artikolu 19(1), jistgħu jwasslu għal inċertezza dwar jekk id-dokumenti ppubblikati skont id-Direttiva dwar il-Prospett għadhomx jistgħu jiġu inkorporati b’referenza fil-prospetti.

<sup>9</sup> Id-Dokument ta’ Konsultazzjoni dwar l-abbozz ta’ parir tekniku dwar ir-Regolament dwar il-Prospett u dwar l-aġġornament tas-CDR dwar il-metadata (ESMA32-117195963-1276), it-28 ta’ Ottubru 2024, disponibbli fuq: [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-10/ESMA32-117195963-1276\\_CP\\_Listing\\_Act\\_Advice\\_-\\_Prospectus.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-10/ESMA32-117195963-1276_CP_Listing_Act_Advice_-_Prospectus.pdf).

## **2.2. Konsultazzjoni dwar il-lista aġġornata ta' informazzjoni li tiġi inkorporata b'referenza**

L-ESMA ddeċidiet li ma twettaqx konsultazzjoni separata dwar l-abbozz ta' RTSs relatati mal-inkorporazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali b'referenza fil-prospetti. Hija qieset li dan kien ikun ta' piż sproporzjonat minħabba li mal-lista eliġibbli għal tali inkorporazzjoni qed jiżdiedu biss żewġ tipi ta' dokumenti:

- L-ESMA osservat li l-inkorporazzjoni ta' dokumenti approvati minn awtorità nazzjonali kompetenti jew sottomessi lilha skont id-Direttiva dwar il-Prospett storikament ma kinitx problematika, bl-ebda evidenza li tissuġġerixxi xi bidla. Barra minn hekk, l-aċċess tal-emittenti għas-swieq pubbliċi jitjeb jekk din l-għażla tkun possibbli;
- il-konsultazzjoni dwar il-parir tekniku tal-ESMA dwar il-prospetti u l-aġġornament tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 fir-rigward tal-metadata kienet tinkludi mistoqsija dwar il-possibbiltà tal-inkorporazzjoni b'referenza ta' mudelli ta' divulgazzjoni sostenibbli fakultattivi għal bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u bonds marbuta mas-sostenibbiltà. Kważi r-rispondenti kollha, inkluż l-SMSG, taw l-appoġġ tagħhom għall-proposti tal-ESMA. Kien hemm qbil kważi unanimu li jekk tali inkorporazzjoni b'referenza tkun permessa, dan ma jkunx jinvolvej kostijiet jew piżijiet addizzjonali fuq l-emittenti. Ir-rispondenti enfasizzaw li approċċ bħal dan jipprovdi flessibbiltà u jissimplifika l-proċess tal-ħruġ.

## **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 1 jistipula l-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 kif ġej:

- L-Artikolu 1(1) jintroduċi Artikolu 11a ġdid biex jippermetti li r-Reġistru tal-Prospetti jintuża biex tiġi sottomessa informazzjoni lill-ESAP, u Artikolu 11b ġdid biex jiġu kklassifikati dokumenti għall-eżenzjoni ta' titoli funġibbli għall-fini tal-analiżi msemmija fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament dwar il-Prospett;
- L-Artikolu 1(2) jemenda l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 biex jirrikjedi li l-metadata ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikoli 11a u 11b ġodda ta' dak ir-Regolament Delegat tiġi pprovduta f'format XML komuni;
- L-Artikolu 1(3) jintroduċi kapitolu ġdid fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 biex tkun permessa l-inkorporazzjoni b'referenza ta': (i) dokumenti li jkunu ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew ippreżentati lilha, f'konformità mad-Direttiva dwar il-Prospett; u (ii) divulgazzjonijiet ta' qabel il-ħruġ għall-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament dwar l-EuGB.
- L-Artikolu 1(4) jissostitwixxi l-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 b'anness rivedut li fih il-lista aġġornata ta' metadata.

L-Artikolu 2 jiddikjara meta dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ u jibda japplika.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'23.2.2026

## **li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' data meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-prospetti u tal-lista ta' informazzjoni li tista' tiġi inkorporata b'referenza fil-prospetti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE<sup>10</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(4), l-Artikolu 21(13) u l-Artikolu 25(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Bħala parti mill-inizjattiva tal-Att dwar il-Kwotazzjoni, li għandha l-għan li tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u li tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup> introduċa żewġ tipi ġodda ta' prospetti f'forma qasira li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet għall-emittenti: il-prospett tal-ħruġ tal-UE dwar it-tkabbir, imfassal prinċipalment għall-SMEs u l-kumpaniji kkwotati jew li għandhom jiġu kkwotati fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, u l-Prospett ta' Segwitu tal-UE, għall-ħruġ sekondarju ta' titoli minn kumpaniji diġà kkwotati f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir tal-SMEs. Dawk il-prospetti l-ġodda għandhom jiġu ppreżentati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) u ppubblikati permezz tal-mekkaniżmu tal-ħżin imsemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Għaldaqstant, il-lista tad-data li tinqara minn magna li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-ESMA, stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979<sup>12</sup>, jenħtieġ li tiġi aġġornata biex tinkludi dawk il-prospetti.

<sup>10</sup> ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji (ĠU L, 2024/2809, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2809/oj>).

<sup>12</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-

- (2) Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup>, l-emittenti li joħorġu bonds li għandhom jiġu ddeżinjati bħala Bonds Ekoloġiċi Ewropej (“EuGBs”, European Green Bonds) għandhom jippubblikaw prospett f’konformità mar-Regolament (UE) 2017/1129. Tali prospetti għandhom jiġu inklużi fil-mekkaniżmu ta’ ħżin imsemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Għalhekk, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jintalbu jipprovdu lill-ESMA data li tinqara minn magna li tindika (i) liema titoli jikkwalifikaw bħala EuGBs jew bħala bonds ta’ titolizzazzjoni, kif definit fl-Artikolu 2(22) tar-Regolament (UE) 2023/2631, meta ddeżinjati bħala EuGBs, u (ii) liema titoli jikkwalifikaw bħala bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5) ta’ dak ir-Regolament, jew bħala bonds marbuta mas-sostenibbiltà kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), ta’ dak ir-Regolament meta l-emittenti ta’ daww il-bonds jagħmlu divulgazzjonijiet volontarji skont l-Artikolu 20 ta’ dak ir-Regolament. Il-lista ta’ metadata stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jenħtieġ li tiġi aġġornata skont dan.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2024/2809 introduċa rekwiżit għall-emittenti biex jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom id-dokumenti ta’ eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 1(4), l-ewwel subparagrafu, il-punti (da) u (db), u fl-Artikolu 1(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (ba), tar-Regolament (UE) 2017/1129, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2809. Introduċa wkoll rekwiżit għall-ESMA biex tinkludi fir-rapport annwali tagħha mħejji f’konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 analiżi u statistika fir-rigward tal-punt sa fejn tali eżenzjonijiet jintużaw fl-Unjoni kollha. Sabiex jiġi minimizzat il-piż fuq l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jissottomettu daww id-dokumenti lill-ESMA permezz tal-mekkaniżmu ta’ ħażna msemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Jenħtieġ li dik is-sottomissjoni tkun tinkludi l-metadata li tippermetti lill-ESMA tħejji tali statistika. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jiġi aġġornat biex jirrifletti daww il-bidliet, inkluż il-lista ta’ metadata stabbilita fl-Anness VII ta’ dak ir-Regolament Delegat.
- (4) L-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2017/1129 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jibnu, sa fejn ikun possibbli, fuq il-mekkaniżmi implimentati għall-finijiet tal-Artikolu 25(6) ta’ dak ir-Regolament biex jagħmlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(1) tiegħu aċċessibbli fil-Punt ta’ Aċċess Uniku Ewropew (ESAP, European Single Access Point). Sabiex jiġi minimizzat il-piż regolatorju kemm fuq l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll fuq l-emittenti, l-obbligu li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 issir aċċessibbli fl-ESAP jista’ jiġi ssodisfat billi tali informazzjoni ssir disponibbli għall-ESMA permezz tal-portal ta’ notifika msemmi fl-Artikolu 25(6) ta’ dak ir-Regolament. Il-portal ta’ notifika għandu jintuża biex tiġi sottomessa l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 f’konformità mal-Artikolu 21(5) ta’ dak ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Artikolu 21a tiegħu li bħalissa mhijiex fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ ħażna msemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129, akkumpanjata mill-metadata rilevanti.

---

Kummissjoni (UE) 2016/301 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/979/oj>).

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>).

Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jiġi aġġornat biex jirrifletti dawk il-bidliet.

- (5) Huma meħtieġa aktar emendi għad-data li tinqara minn magna biex jiġu indirizzati kwistjonijiet minuri identifikati mill-ESMA. Dawk l-emendi jikkonċernaw żieda ta' kamp tad-data ġdid u bidliet fl-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-kampijiet tad-data. Il-lista ta' metadata stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/979 jenħtieġ li tiġi aġġornata skont dan.
- (6) Ir-referenza għad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> tneħħiet mill-Artikolu 19(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/1129. B'riżultat ta' dik il-bidla, ma kienx għadu possibbli li jiġu inkorporati b'referenza d-dokumenti li ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew li ġew ippreżentati lilha f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE. Dak kellu impatt fuq il-ħruġ funġibbli ta' titoli mingħajr ekwità li oriġinarjament kienu offruti lill-pubbliku jew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat skont id-Direttiva 2003/71/KE, billi t-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawk it-titoli normalment kienu jkunu inkorporati b'referenza fil-prospett approvat skont ir-Regolament (UE) 2017/1129. Sabiex jiġi evitat aktar piż amministrattiv fuq l-emittenti, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' dokumenti addizzjonali li jistgħu jiġu inkorporati b'referenza fil-prospetti, lil hinn minn dawk elenkati fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Dan jagħmilha possibbli li jiġu inklużi dokumenti li jkunu ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew ippreżentati lilha, f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE, sabiex jinżammu r-rekwiżiti preeżistenti u tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' informazzjoni li tkun diġà ġiet iddivulgata u ppubblikata skont liġi oħra tal-Unjoni.
- (7) Ir-Regolament (UE) 2023/2631 introduċa mudelli ta' divulgazzjoni sostenibbli fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà biex jiffaċilita t-tqabbil u jindirizza l-greenwashing. Sabiex l-emittenti jkollhom inċentiv jużaw dawk il-mudelli opzjonali għad-divulgazzjoni ta' qabel il-ħruġ, huwa meħtieġ li jiżiedu mal-lista ta' dokumenti addizzjonali li jistgħu jiġu inkorporati b'referenza fil-prospetti. Dan inaqqas il-kostijiet assoċjati mat-tfassil tad-divulgazzjonijiet addizzjonali dwar l-aspetti relatati mal-ESG tat-titoli u jgħin biex jiġu minimizzati l-piżijiet għall-emittenti li jfasslu prospett, f'konformità mal-oġettivi li jitnaqqsu l-piż u l-kostijiet regolatorji għall-kumpaniji, speċjalment għall-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, assoċjati mal-proċess tal-kwotazzjoni.
- (8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA. L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>. L-ESMA ma wettqitx konsultazzjoni pubblika u analiżi separati fir-rigward

---

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/71/oj>).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-

tal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-inkorporazzjoni b'referenza ta' dokumenti addizzjonali fil-prospetti, billi qieset li jkunu ta' piż sproporzjonat, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt limitati tal-bidliet proposti. Fir-rigward tal-inkorporazzjoni b'referenza tad-dokumenti ta' divulgazzjoni fakultattivi ta' qabel il-ħruġ skont ir-Regolament (UE) 2023/2631, l-ESMA ġabret feedback mill-partijiet ikkonċernati fid-Dokument ta' Konsultazzjoni tagħha dwar l-abbozz ta' parir tekniku dwar ir-Regolament dwar il-Prospett u dwar l-aġġornament tas-CDR dwar il-metadata<sup>16</sup> u l-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati appoġġaw il-proposta mill-ESMA.

- (9) Sabiex jiġi minimizzat il-piż fuq l-awtoritajiet kompetenti u fuq l-emittenti, id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun allinjata mad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2017/1129. Dak l-allinjament għandu jippermetti l-użu tal-portal ta' notifika stabbilit fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129 biex jiġi żgurat li l-informazzjoni indikata fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament tkun aċċessibbli fuq l-ESAP.
- (10) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament huma sostanzjalment marbuta ma' xulxin, peress li jemendaw l-istess Regolament Delegat u huma relatati l-aktar mat-tipi l-ġodda ta' prospetti jew man-natura tal-informazzjoni inkluża fihom, jew fuq bażi obligatorja jew fuq bażi volontarja, li jirriżultaw mill-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2809,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/979**

- (1) Jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

#### *“Artikolu 11a*

#### **Informazzjoni aċċessibbli fil-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew**

Għall-finijiet tal-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(1) aċċessibbli fuq il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) billi jipprovdu lill-ESMA permezz tal-portal ta' notifika msemmi fl-Artikolu 25(6) ta' dak ir-Regolament b'kopja elettronika ta' dik l-informazzjoni, u d-data meħtieġa għall-klassifikazzjoni tagħha fil-mekkaniżmu ta' ħażna msemmi fl-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129, f'konformità mat-tabelli stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 11b*

#### **Kopja elettronika tad-dokumenti ta' eżenzjoni**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu lill-ESMA, permezz tal-portal ta' notifika msemmi fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129, kopja elettronika tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 1(4), il-punti (da) u (db), u fl-

---

Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

<sup>16</sup> Id-Dokument ta' Konsultazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2024 dwar l-abbozz ta' parir tekniku dwar ir-Regolament dwar il-Prospett u dwar l-aġġornament tas-CDR dwar il-metadata (ESMA32-117195963-1276), disponibbli fuq: [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-10/ESMA32-117195963-1276\\_CP\\_Listing\\_Act\\_Advice\\_-\\_Prospectus.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-10/ESMA32-117195963-1276_CP_Listing_Act_Advice_-_Prospectus.pdf).

Artikolu 1(5), il-punt (ba), tar-Regolament (UE) 2017/1129 għall-analiżi msemmija fl-Artikolu 47(3)(a) ta' dak ir-Regolament.”;

- (2) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*“Artikolu 12*

**Arranġamenti prattiċi biex ikun żgurat li d-data tkun tista' tingara mill-magni**

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi d-data li takkumpanja msemmija fl-Artikoli 11, 11a u 11b f'format XML komuni u f'konformità mal-format u mal-istandards stabbiliti fit-tabelli fl-Anness VII.”;

- (3) jiddaħħal il-Kapitolu VIa li ġejj:

*“KAPITOLU VIa*

**DOKUMENTI GĦAL INKORPORAZZJONI B'REFERENZA FI  
PROSPETT KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 19 TAR-REGOLAMENT  
(UE) 2017/1129**

*Artikolu 21a*

Minbarra d-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129, jistgħu jiġu inkorporati d-dokumenti li ġejjin b'referenza fi prospett:

- (a) id-dokumenti li jkunu ġew approvati minn awtorità kompetenti, jew ippreżentati lilha, f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE;
- (b) divulgazzjonijiet ta' qabel il-ħruġ għall-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/2631.”;

- (4) L-Anness VII huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, il-punti (1), (2) u (4), madankollu, għandhom japplikaw mill-10 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23.2.2026

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*